16 ta' Marzu 2019
36/2019

**EWROPA MAGĦQUDA FAVUR IL-ĠID KOMUNI**

DOKUMENTI TA' RIFLESSJONI MILL-KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI

Fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilli Lokali f'Mejju li ġej, il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi ħejjiet dokument ta' riflessjoni bbażat fuq it-tagħlim soċjali tal-Knisja. Dan għandu jservi ta' għodda sabiex l-Insara jkomplu jaqdu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom fis-soċjetà, li ma jibdewx u jispiċċaw fil-mument tal-votazzjoni imma jkomplu fil-ħajja ta' kuljum. Id-dokument jinsab fuq il-websajt tal-Arċidjoċesi ta' Malta www.knisja.mt.

Id-dokument, li jittratta fost l-oħrajn temi soċjali u ambjentali li jolqtu s-soċjetà Maltija u dik Ewropea, hu mmirat sabiex jintuża mis-saċerdoti fil-preparazzjoni għall-omeliji tal-Ħdud matul ir-Randan, kif ukoll minn dawk li f'dan iż-żmien jixtiequ jagħrblu l-kuxjenza tagħhom u jirriflettu fuq l-irwol tagħhom bħala Nsara fis-soċjetà.

Ir-riflessjonijiet fid- dokument, li huma bbażati fuq l-Evanġelju kif ukoll fuq stejjer umani oħra jitrattaw:

1. Il-ġustizzja soċjali, id-distribuzzjoni tal-opportunitajiet u tal-ġid, il-faqar u l-esklużjoni soċjali;
2. Il-ħarsien tal-ambjent, inkluż il-ħela tal-ikel;
3. Il-paċi globali, u r-realtà tal-esportazzjoni tal-armi;
4. Ir-rispett għad-dinjità u d-drittijiet ta' kull bniedem li huma mhedda minħabba prattiċi ekonomiċi inġusti.

Dawn l-erba' temi jorbtu mad-dokument bi proposti li tnieda mill-konferenza tal-Kummissjonijiet għall-Ġustizzja u Paċi tad-djoċesijiet Ewropej (Justice and Peace Europe). Dawn il-proposti jiffokaw fuq erba' kwistjonijiet li jeħtieġu soluzzjonijiet fuq livell Ewropew u li l-JPE tixtieq tara implementati fil-leġiżlatura li jmiss tal-Parlament Ewropew. It-temi jaffettwaw liċ-ċittadini direttament u indirettament u huma wkoll marbuta mal-mod kif ngħixu u l-għażliet li nagħmlu fil-ħajja ta' kuljum.

Il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi mhix tippretendi li dawn il-proposti huma l-aħjar jew l-uniċi soluzzjonijiet li għandha bżonn l-Ewropa iżda b'mod prattiku qed tipprova tagħti dawl ta' kif il-fidi Nisranija tista' ddawwal il-mod ta' għejxien fis-soċjetà tal-lum.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**